**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LLD**

**Seduta tad-29 ta' Novembru 2018**

**Appell Kriminali numru. 492/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**Vs**

**John Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat John Cauchi (355682M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzat talli nhar is-17 ta' Jannar 2017 għall-ħabta tat-8:50am u ħin qabel, bil-vettura BUS714 ġewwa Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara:

1. **Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(2))**
2. **Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(2))**
3. **Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(2))**
4. **Waqt li kien qed isuq il-vettura bil-mutur, naqas li jagħti d-dritta lil vettura/i ta' preċedenza meta l-mezzi ta' twissija akustiċi jew viżwali kienu mixgħula (LS 65.11 Artiklu 84);**
5. **Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, qasam il-linja bajda kontinwa jew linji doppji bojod kontinwi (LS65.05 Artiklu IV(A)(i));**
6. **Waqt li kien qed isuq il-vettur bil-mutur, naqas milli jagħti preċedenza lil vettura ta' preċedenza meta l-mezzi ta' twissija akustiċi u/jew viżwali, permezz ta' sireni, qniepen, horn b'żewġ ilħna u/jew dawl blu jteptep kienu mixgħulin, waqt li kienu sejrin għal sejħa b'urġenza jew f'emerġenza (LS65.11 Artiklu 83(1)).**

**Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru 2017, li biha, lliberat lil John Cauchi mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appell tal- Avukat Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2017 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiddisponi mill-każ skond il-liġi u għall-aħjar interess tal-ġustizzja.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul is-seduta datata l-20 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali jikkonsistu fil-qosor li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghmel apprezzament shih tal-provi b'tali mod li tiġi stabbilita l-verita tal-fatti. Dan ma seħħx minħabba nuqqas tal-Qorti iżda minħabba attakk sfrenat li sar fuq ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni (L-Ispettur Sergio Pisani) mid-difiza tal-imputat. Fil-fehma tal-Avukat Generali saru diversi allegazzjonijiet fuq ix-xhud tal-prosekuzzjoni li ma kenux legalment jew fattwalment fondati u dan meta saru diversi mistoqsijiet dwar id-distribuzzjoni tal-linji kontinwi li x-xhud ipprova jispjega mill-aħjar li seta'. Madankollu filwaqt li l-Ispettur Pisani kien qiegħed jipprova jwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, id-difiża bdiet tgħolli leħinha u takkuża lill-Pisani b'allegazzjonijiet infondati ta' malizja u inkompetenza fuq xogħlu, tant illi dan wassal lill-Ewwel Qorti tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali ghandu johrog illi l-uniku xhud li nstema' quddiem l-Ewwel Qorti kien biss l-ispettur Sergio Pisani ghalkemm mic-citazzjoni jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni kellha xhieda ohra fosthom rapprezentant tal-Malta Public Transport, u id-direttur tat-Trasport jew is-sur Joseph Pace bhala rapprezentant tieghu. Illi fl-affidavit tieghu ipprezentat fl-atti[1], l-Ispettur Sergio Pisani jispjega d-dinamika tal-inċident mertu tal-proċeduri. Ighid illi fil-jum tal-incident mertu tal-kaz huwa kien fi triqtu fuq xoghol ta' natura urgenti marbut ma' rapport dwar inċident stradali, meta kien għaddej minn Triq Dun Karm Psaila fuq il-karreġjata leminija li tagħti għal Santa Venera bil-mutur tas-servizz tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP725 bil-*beacon lights* u sireni mixgħulin. Kif wasal fil-parti ta' din it-triq li tifred il-karreġjati lejn Santa Venera u l-Imsida u fejn hemm linja bajda kontinwa u doppja li tifridhom, xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS714 li kien misjuq mill-appellat u li kien qed jinstaq fil-karreġjata xellugija, qasmet il-linji kontinwi u daħlet għall-ġol

[1] Fol.2 tal-process

karreġjata leminija sabiex b'hekk invadiet il-karreggjata fejn kien qed isuq l-ispettur Pisani bil-mutur tiegħu. Pisani ighid li b'konsegwenza ta' din il-manuvra x-xarabank rassitu mas-*central strip*. Hawnhekk huwa kellu jaghmel manuvra evasiva sabiex ma jigix milqut minn din ix-xarabank li fil-fehma tieghu kienet qed issuq b'nuqqas ta' kont u perikoluz. Pisani waqqaf ix-xarabank fejn ħa d-dettalji tal-appellat u nfurmaħ li kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu kif filfatt seħħ.

Illi l-ispettur Pisani ha il-pedana tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti nhar l-14 ta' Novembru 2017 matul is-seduta tat-traffiku fejn jidher li hu rega' tenna dak li kien stqarr fl-affidavit u in oltre x-xhud eżebixxa sensiela ta' *stills* mehuda minn xi Camera CCTV[2] u liema ritratti huma mmarkati bħala dok SP, SP1, SP2, SP4, SP5 u SP6. Ma jirriżultax pero' minn fejn dawn l-*istills* ġew elevati iżda huwa deduċċibli mill-kontenut tagħhom li dawn x'aktarx ittieħdu minn fuq ix-xarabank li allegatament kienet qed tigi misjuqa mill-appellat. Dan qed jinghad peress li minn dawn l-immagini jidher ċar li din ix-xarabank tinsab fi Triq Dun Karm, fejn jidher ukoll li l-ewwel qiegħed fuq il-karreġjata xellugija u sussegwentement jaqleb għal dik leminija. Jidher ukoll minn dawn l-*istill*s li hemm linja bajda medjana kontinwa u doppja u kwindi il-manuvra li qed tidher tizviluppa f'dawn l-immagini taqbel ma dak li jixhed l-Ispettur Pisani.

Illi matul il-kontro-eżami tal-ispettur, jidher madanakollu li qam battibek bejn ix-xhud u l-avukat difensur tal-appellat. Dan jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda li tinsab fl-atti u ukoll mhux ikkontestata mill-partijiet fis-sottomissjonijiet maghmula quddiem din il-Qorti. Gara izda li minħabba dan id-diverbju, il-mistoqsijiet li saru mid-difiża in kontro-ezami baqgħu mhux imwieġba jew jekk kien hemm tentattiv sabiex ikun hemm tweġiba, ir-risposta jew ġiet interrota jew inkella twaqqfet ħesrem minħabba l-atmosfera ta' animożita' li inħolqot fl-awla u li, kif inghad, tinħass mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Pisani tant illi l-Qorti ma komplietx tisma' lix-xhud u ordnatlu johrog mill-awla. Issa jidher li wara din it-testimonjanza l-Qorti qabdet u pproċediet sabiex tiddeċiedi l-każ fejn illiberat lill-appellat a bażi ta' nuqqas ta' kredibbilta' tal-ispettur u senjatament peress li fil-fehma tal-Ewwel Qorti kien hemm kunflitt fil-provi meta l-uniku xhud mismugh kien biss l-Ispettur Sergio Pisani. Fil-fatt minn qari tal-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2017 jirrizulta s-segwenti:

**Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maria Stella Attard**

**Deher l-akkuzat debitament assistit mill-Avukat Spiteri Bailey Ian.**

**Xehed bil-gurament ix-xhud Sergio Charles Pisani INSP.**

**Deher l-ufficjal prosekutur Dr. George Camilleri.**

[2] Esebiti a fol.18 tal-process

**Il-Prosekuzzjoni prezentat ritratti.**

**Peress li x-xhieda tal-Ispettur Pisani mhix kredibbli.**

**Inghatat sentenza.**

**Peress illi, abbazi tax-xhieda kif imressqa, jidher illi hemm kunflitt fil-provi.**

**Liberat.**

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm huwa principju rassodat fil-ġurisprudenza nostrana, illi l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun maghmul mill-Ewwel Qorti, madankollu minn qari tal-verbal hawn fuq riprodott, huwa bil-wisq evidenti illi ghalkemm l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi kellha kull dritt ma taghtix affidament lix-xhieda tal-Ispettur Pisani, madanakollu ghaddiet ghad-decizjoni taghha minghajr ma gew konkluzi l-provi kollha tal-partijiet u minghajr ma segwiet id-dettami stabbiliti fl-artikolu 375 tal-Kodici Kriminali. Dan qed jinghad ghaliex l-ezercizzju li trid taghmel din il-qorti ta' revizjoni meta rinfaccjata b'aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi huwa li tħares lejn il-provi prodotti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għal dik il-konklużjoni legalment u raġjonevolment[3].

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr li tinsab perplessa kif l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha wasslet ghal konkluzjoni illi kien hemm kunflitt fil-provi li wassal ghal liberatorja tal-appellant meta kien hemm biss xhud wieħed li xehed f'din il-kawża u li minħabba d-diverbju jaħraq li qam waqt il-kontro-eżami ta' dan ix-xhud, ix-xiehda tieghu giet imwaqqfa hesrem mill-Qorti. Illi minn ezami tax-xiehda jidher illi dan id-diverbju inholoq meta wara mistqosija maghmula in kontro-ezami dwar il-konfigurazzjoni tat-triq u allura tal-mod kif huma imfassla il-linji bojod f'din l-arterja ewlenija tat-traffiku bhalma hi l-hekk imsejjha "bypass ta' Birkirkara", ix-xhud iwiegeb hekk:

> **"Sur Magistrat, il-mistoqsija li qed taghmilli d-difiza qieghda tindika t-triq kollha minn fejn il-Bathroom Design 'l hemmhekk."**

Ix-xhud meta jistqarr dan bl-edba mod ma indika kif donnu fehmet id-difiza u l-Ewwel Qorti, illi kien qed ighid li l-incident sehh f'dik il-parti tat-triq, izda kien biss qed jitlob lid-difiza tikkjarifika il-mistoqsija li qed taghmillu.

[3] Pulizija vs Massimo Tivisini deċiza nhar is-27 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) mill-Imħallef Joe Galea Debono. Ara wkoll "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94]; "ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " [14.2.1989]; "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn .

Illi kwindi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti dwar kunflitt fil-provi ma setgħetx tiġi pprospettata minnHa peress li ma kienx hemm provi oħrajn f'dan is-sens li setgħu qajjmu dan il-kunflitt u lanqas ma jidher li saru xi sottomissjonijiet orali mill-partijiet li setgħu pprospettaw dawn l-inkonsistenzi. Illi dak li kellha taghmel l-Ewwel Qorti kien li wara li tisma' l-provi kollha tal-partijiet imbaghad bl-applikazzjoni tal-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali marbuta mal-mod kif il-Qorti ghandha taghmel l-ezami tax-xhieda, tghaddi ghad-decizjoni taghha. Din il-procedura hija stabbilita, kif inghad, fl-artikolu 375(c) tal-Kodici Kriminali. Ma jidhirx illi kien hemm xi mottiv li seta' iwassal lill-Ewwel Qorti titbieghed minn din il-procedura billi l-ebda wahda mill-partijiet ma iddikjarat li ma kellhiex aktar provi jew inkella li irrinunzjaw ghad-dritt li jaghmlu sottomissjonijiet skont il-ligi.

Jidher car illi l-Ewwel Qorti naqqset milli taghti lill-Prosekuzzjoni l-opportunita' taghlaq il-provi taghha skont il-ligi, kif ukoll li imbaghad taghti lid-difiza ukoll id-dritt li taghmel l-istess biex b'hekk sehhet nuqqas ta' formalita' rikjesta mill-ligi fit-termini tal-artikolu 428(5) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, u konsegwentement qed tirrevoka s-sentenza appellata tal-14 ta' Novembru 2017 u tordna illi l-kawża terġa tinstema mill-gdid minn din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 428(5) tal-Kodici Kriminali.

EDWINA GRIMA

Imhallef